DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' April 2008

li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/438/KE fir-rigward ta' ħalib mhux ipproċessat u ta' prodotti bbażati fuq ħalib mhux ipproċessat mill-Awstralja, ħalib u prodotti bbażati fuq il-ħalib mis-Serbja u li taġġorna l-inklużjoni ta' l-Iżvizzera f'dak l-Anness

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1587)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/338/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum mill-bniedem [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) u (4) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali fuq prodotti ta' oriġini ta' annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/438/KE tad-29 ta' April 2004 li tistipula kondizzjonijiet ta' ċertifikazzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali u saħħa pubblika u dawk veterinarji għad-dħul fil-Komunità ta' ħalib trattat bis-sħana, prodotti bbażati fuq il-ħalib u ħalib mhux ipproċessat maħsuba għall-konsum mill-bniedem [3], tistabbilixxi lista, fl-Anness I għal dik id-Deċiżjoni, ta' pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fil-Komunità, suġġett għal xi kundizzjonijiet, ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti bbażati fuq il-ħalib mhux ipproċessat. Barra minn hekk, il-kunsinji ta' ħalib u ta' prodotti ibbażati fuq il-ħalib li huma konformi mar-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali stipulati f'dik id-Deċiżjoni jistgħu jgħaddu mill-Komunità għal pajjiżi terzi oħra.

(2) L-Awstralja hi inkluża fil-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom hu awtorizzat id-dħul fil-Komunità ta' ħalib u prodotti tal-ħalib. L-importazzjoni ta' ħalib u ta' prodotti tal-ħalib mill-Awstralja hi limitata għall-prodotti li jkunu għaddew mill-proċess ta' pasturizzazzjoni jew ta' sterilizzazzjoni. L-Awstralja talbet li tiġi awtorizzata tesporta wkoll ħalib mhux ipproċessat u prodotti bbażati fuq ħalib mhux ipproċessat għall-konsum mill-bniedem.

(3) It-trattamenti stipulati fid-Deċiżjoni 2004/438/KE huma applikati għall-ħalib u għall-prodotti tal-ħalib sabiex jiġi mħares l-istat tas-saħħa ta' l-annimali tal-Komunità. Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali fl-Awstralja, u b'mod partikulari l-istat ħieles tagħha mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer sa mill-1872, meta faqqset il-marda l-aħħar darba, l-importazzjoni ta' dawk il-prodotti minn dak il-pajjiż terz għandha tiġi awtorizzata minħabba li din ma tirrappreżentax riskju għal saħħet l-annimali.

(4) L-inklużjoni ta' l-Awstralja għall-ħalib mhux ipproċessat u prodotti bbażati fuq il-ħalib mhux ipproċessat fil-kolonna A tal-lista ta' l-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/438/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif inhu xieraq.

(5) Is-Serbja talbet li tiġi inkluża fil-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom hi awtorizzata l-importazzjoni tal-ħalib trattat bis-sħana u prodotti bbażati fuq il-ħalib, biex b'hekk ikun awtorizzat it-tranżitu ta' dawn il-prodotti mit-territorju tal-Komunità, bid-destinazzjonijiet finali jkunu f'pajjiżi terzi oħra.

(6) Fis-Serbja saru verifiki tal-Kummissjoni Ġenerali fuq saħħet l-annimali u l-aktar waħda reċenti kienet f'Ġunju 2007. Dan juri li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu garanziji li s-sitwazzjoni ta' saħħet l-annimali f'dak il-pajjiż tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda sodisfaċenti.

(7) Għaldaqstant, fejn jidħlu l-aspetti li jikkonċernaw is-saħħa ta' l-annimali, il-ħalib trattat bis-sħana u prodotti bbażati fuq il-ħalib minn dak il-pajjiż terz għandhom jiġu awtorizzati.

(8) Qabel ma l-istabbilimenti jitniżżlu fil-lista ta' importazzjoni għal ġol-Komunità għandha ssir missjoni oħra sabiex jiġu eżaminati l-aspetti ta' saħħa pubblika. Madankollu, sadattant, it-tranżitu ta' dawn il-prodotti għandu jiġi awtorizzat.

(9) L-inklużjoni tas-Serbja għall-ħalib trattat bis-sħana u prodotti bbażati fuq il-ħalib għall-konsum mill-bniedem għandha għalhekk tidher fil-kolonni B u ċ fil-lista fl-Anness I.

[1] ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
[2] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206; verżjoni bil-korrezzjonijiet fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
[3] ĠU L 154, 30.4.2004, p. 72. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1792/2006 (ĠU L 362, 20.12.2006, p. 1).

(10) Barra minn hekk, huwa xieraq li tiġi aġġornata nota f'qiegħ il-paġna f'dak l-Anness għall-Iżvizzera sabiex ikun hemm referenza għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fir-rigward tal-kummerċ fi prodotti agrikoli.

(11) L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/438/KE għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/438/KE huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika minn 1 ta' Mejju 2008.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 24 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS I

'+': il-pajjiż hu awtorizzat

'0': il-pajjiż mhux awtorizzat

Il-Kodiċi ISO tal-pajjiż terz	Pajjiż Terz	Kolonna A	Kolonna B	Kolonna Ċ
AD	Andorra	+	+	+
AL	L-Albanija	0	0	+
AN	L-Antilli Olandiżi	0	0	+
AR	L-Arġentina	0	0	+
AU	L-Awstralja	+	+	+
BR	Il-Brażil	0	0	+
BW	Il-Botswana	0	0	+
BY	Il-Belarus	0	0	+
BZ	Il-Beliże	0	0	+
BA	Il-Bożnja-Ħerzegovina	0	0	+
CA	Il-Kanada	+	+	+
CH	L-Iżvizzera (*)	+	+	+
CL	Iċ-Ċilì	0	+	+
CN	Iċ-Ċina	0	0	+
CO	Il-Kolumbja	0	0	+
CR	Il-Kosta Rika	0	0	+
CU	Kuba	0	0	+
DZ	L-Alġerija	0	0	+
ET	L-Etjopja	0	0	+
GL	Greenland	0	+	+
GT	Il-Gwatemala	0	0	+
HK	Ħong Kong	0	0	+
HN	Il-Ħonduras	0	0	+
HR	Il-Kroazja	0	+	+
IL	L-Iżrael	0	0	+
IN	L-Indja	0	0	+
IS	L-Iżlanda	+	+	+
KE	Il-Kenja	0	0	+
MA	Il-Marokk	0	0	+
MG	Il-Madagaskar	0	0	+
MK (**)	L-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	0	+	+
MR	Il-Mawritanja	0	0	+
MU	Il-Mawrizju	0	0	+
MX	Il-Messiku	0	0	+
NA	In-Namibja	0	0	+

Il-Kodiċi ISO tal-pajjiż terz	Pajjiż Terz	Kolonna A	Kolonna B	Kolonna Ċ
NI	In-Nikaragwa	0	0	+
NZ	New Zealand	+	+	+
PA	Il-Panama	0	0	+
PY	Il-Paragwaj	0	0	+
RS	Is-Serbja (***)	0	+	+
RU	Ir-Russja	0	0	+
SG	Is-Singapor	0	0	+
SV	L-El Salvador	0	0	+
SZ	Is-Sważilandja	0	0	+
TH	It-Tajlandja	0	0	+
TN	It-Tuniżija	0	0	+
TR	It-Turkija	0	0	+
UA	L-Ukraina	0	0	+
US	L-Istati Uniti	+	+	+
UY	L-Urugwaj	0	0	+
ZA	L-Afrika ta' Isfel	0	0	+
ZW	Iż-Żimbabwe	0	0	+

(*) Ċertifikati skond il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera (kif emendat l-ahhar) dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

(**) Il-kodiċi proviżorju li bl-ebda mod ma jippreġudika n-nomenklatura definittiva għal dan il-Pajjiż, li jrid jintlaħaq ftehim fuqu wara l-konklużjoni ta' negozjati li qegħdin isehhu bħalissa fuq dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.

(***) Li ma tinkludix il-Kosovo, kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999."